MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 967/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR J HERSEY**

**VS**

**RAYMOND FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Fenech ta' 39 sena iben Nazzareno u Mary xebba Piscopo imwieled Zebbug fil-21 ta' Awwissu 1964, joqghod 'Sempreviva', Triq il-Gizzwiti, Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 520164 (M);

Talli fit-18 ta’ Gunju, 2004, ghall-habta tas-12:45, f’San Giljan, saq vettura ta’ ghamla *Ford Transit* ta’ kulur ahmar, minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahseb ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja tal-*windscreen* li tappartjeni vettura bin-numru tar-registrazzjoni originali GMY 035, fuq l-istess vettura li kien qed isuq, *ai termini* tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi u fix-xhur ta' qabel f’dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsikat billi wahhal licenzja tal-*windscreen* bin-numru serjali C 432679 li tappartjeni vettura bin-numru tar-registrazzjoni originali GMY 035, fuq l-istess vettura li kien qed isuq;

U aktar talli saq vettura bin-numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi xettura bil-mutur partikolari, cioe ghamel uzu minn pjanci tan-numru tar-registrazzjoni ohra NRU GYM 035 ta’ vettura *Transit*, fuq il-vettura ta’ ghamla *Transit* li kien qed isuqu aktar;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi u fix-xhur ta' qabel f’dawn il-gzejjer, ghamel uzu minn vettura ta’ ghamla *Transit* minghajr ma kienet registrata mal-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tkun fit-triq.

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet

ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra d-dikjarazzjoni tieghu skond il-Ligi;

Rat li t-tielet u r-raba’ akkuza jistghu jigu assorbiti fit-tieni akkuza;

Rat id-dokumenti ezebiti, b’mod partikolari l-istqarrija tal-imputat;

Rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9, u l-Artikou 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannah mutla ta’ elf mitejn u hamsin lira (Lm1,250.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------